**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' April, 2025

Rikors Ġuramentat: 88/24 AL

**A B**

**vs.**

**1. C D u l-isem gie korrett ghal G permezz ta' nota tat-2 ta' April 2025**
**2. L-Avukat Dr Martin Matthew Farrugia u l-P.L. Davina Sullivan bħala Kuraturi Deputati appuntati permezz ta' digriet tat-8 ta' Mejju 2024 sabiex jirrappreżentaw lill-minuri E F D u**
**2. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat illi permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu,[1] l-attur A B ppremetta:

[1] Fol. 1.

*Illi l-esponent kien dahal f'relazzjoni mall-intimata Clach minn liema relazzjoni twieled tifel bl-isem ta' E F D u dan fit-3 ta' April, 2021 u liema relazzjoni pero giet terminata zmien ilu.*

*Illi minkejja illi huwa r-rikorrent il-missier biologiku tal-minuri, l-intimata Clach irregistrat l-istess minuri bhala wild ta' missier mhux maghruf u issa qedha bla raguni icahhad lill-attur minn ibnu.*

*Illi permezz ta' ittra ufficjali pprezntata ai termini tal-Artiolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponent kien iddikjara illi hu kien bi hsiebu japplika ghar-registrazzjoni tat-taghrif relevanti fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hawn anness bhala Dok. A sabiex jigi rifless fl-imsemmi certifikat li l-mittenti huwa lli huwa l-genitur naturali li ma' wellidx il-minuri E F D izda pero l-intimata omm il-minuri naqset milli tipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali fejn turi l-qbil tieghek ma' dina r-registrazzjoni fiz-zmien permess mill-Ligi.*

*Illi għar-raġunijiet suesposti r-rikorrent xtaq irressaq kawża fit-termini tal-Artikoli 77A u 77B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi ddikjarat illi huwa l-missier tal-minuri surreferit ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha in vista ta' dak premess:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E F D;*

*2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi kollha relattivi fl-Att tat-Twelid tal-istess minuri;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri E F D;[2]

[2] Fol. 5.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[3] illi permezz tagħha ġew sollevati s-segwenti eċċezzjonijiet:

*1. Illi preliminarjament jingħad illi isem l-konvenuta, ossia omm il-minuri, huwa G D u mhux C D u dan kif anke jirriżulta mill-Att tat-Twelid ta' F D (minn issa 'l quddiem "il-minuri") anness mar-rikors promotur. In oltre n-numru tal-karta tal-identità tal-attur mhuwiex '0000901LM' iżda '0000901L'.*

*2. Illi fil-mertu l-esponent jiddikjara illi huwa mhux edott mill-fatti u għalhekk jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti salv dak li ġej:*

*3. Illi jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-minuri (anness u mmarkat Dok. A mar-rikors promotur) b'numru progressiv 1609/2021 illi huwa twieled ġewwa Malta nhar it-tlieta (3) t'April 2021 lil 'G D' u ġenitur mhux magħruf. Illi dan skont dak li ddikjarat omm il-minuri fl-Att tat-Twelid. Għalhekk certament ma sarx żball mill-esponent meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;*

*4. Illi mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attur qiegħed jisħaq illi huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri.*

*5. Illi dwar l-Ewwel Talba, sabiex din tintlaqa', din l-Onorabbli Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-attur huwa verament il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri u dan anke bl-għajnuna ta' testijiet genetici;*

*6. Illi dwar it-Tieni Talba, kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba, l-attur għandu jippreżenta nota fl-atti bil-konnotati tiegħu fil-mument tat-twelid tal- minuri sabiex dawn eventwalment jiddaħħlu fl-Att tat-Twelid tal-minuri, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identità tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieled il-minuri, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled il-minuri, (6) L-isem u l-kunjom ta' taż-żewġ ġenituri tiegħu (n-nanniet*

[3] Fol 10.

*paterni tal- minuri) u (7) Jekk dawn kienux ħajjin jew mejtin meta twieled il-minuri;*

*7. Illi di piu', l-partijiet għandhom jaqblu jekk il-minuri huwiex sejjer jibqa' jissejjaħ bil-kunjom 'D' jew jekk huwiex sejjer ikun hemm tibdil fl-istess kunjom, fliema każ għandha ssir talba speċifika quddiem din il-Qorti;*

*8. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ din l-azzjoni ma ssoktatx minħabba xi nuqqas jew għaġir żbaljat tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoggettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi permezz ta' digriet tat-8 ta' Mejju 2024[4], il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri E F Clach;

Rat ir-risposta maħlufa tal-Kuraturi Deputati[5] fejn eċċepew kif ġej:

*1. Illi fl-ewwel lok, peress illi fir-rikors guramentat l-oġġett tal-kawża ma ġiex ppreżentat f'paragrafi numerati separatament, skond kif jiddisponi l-Artikolu 156 (1)(a) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ma għandha tieħu ebda konjizzjoni tal-istess u dana skond l-operat tal-Artikolu 156(7) tal-istess Kap 12.*

*2. Illi fit-tieni lok, u bla preġudizzju għall-premess, it-talba kif inhi mpernjata fuq l-Artikolu 77A, 77B u 77ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tintlaqa' stante illi dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi japplikaw fir-rigward ta' filjazzjoni ta ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, ħaġa li ma jidhirx li hu il-każ odjern.*

[4] Fol. 16.
[5] Fol. 19.

*3. Illi fit-tielet lok, u mill-ġdid bla preġudizzju għall-premess l-esponenti qua kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti kollha li taw lok ghal din il-kawza, u qegħdin jirriservaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri meta jsiru edotti aħjar mill-fatti li jsawru din il-kawza;*

*4, Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2024[6] il-konvenuta C D ġiet dikjarata kontumaċi;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' April 2025[7] fejn il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet għall-eċċezzjonijiet mhux sollevati tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u n-Nota tal-partijiet[8] in ottempranza ma' dan id-digriet;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal lum.[9]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz ta' din il-kawża, l-attur qed jitlob li jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri E F D imwieled minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta G D fit-3 ta' April 2021 u sussegwentement biex isiru t-tibdiliet neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri biex jirrifletti dan. Sal-lum, il-minuri huwa dikjarat bħala iben missier mhux magħruf u jġorr il-kunjom tal-omm *ossia* "D". B'hekk l-azzjoni qiegħda ssir *ai termini* tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[6] Verbal tat-2 ta' Ottubru 2024 a fol. 23.
[7] Fol. 29.
[8] Fol. 37.
[9] Verbal tal-20 ta' Novembru 2024 a fol. 28.

Il-konvenuta, min-naħa tagħha tinsab kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Il-Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrapreżentaw lill-minuri jeċċepixxu xi eċċezzjonijiet preliminari iżda dwar il-mertu jiddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-każ.

**Prinċipji Legali**

Din hija kawża magħmula *ai termini* tal-Artikolu 86 tal-Kap 16, li jirregola l-azzjoni ta' filjazzjoni intavolata minn missier li jkun irid jirrikonoxxi tarbija li tagħha hu jgħid li hu l-missier. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:*

*Iżda wkoll l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ, u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:*

*Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili".*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti rat illi l-Kuraturi Deputati li ġew appuntati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-minuri, ppreżentaw żewġ eċċezzjonijiet preliminari u *ċioé* illi 1. fir-rikors ġuramentat l-oġġett tal-kawża ma ġiex ppreżentat f'paragrafi numerati separatament, skond kif jiddisponi l-Artikolu 156 (1)(a) tal-Kap 12, u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ma għandha tieħu ebda konjizzjoni tal-istess u dana skond l-operat tal-Artikolu 156(7) tal-istess Kap 12 u li 2. it-talba kif inhi mpernjata fuq l-Artikolu 77A, 77B u 77ċ tal-Kap 16 ma tistax tintlaqa' *stante* illi dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi japplikaw fir-rigward ta' filjazzjoni ta' wlied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, ħaġa li ma jidhirx li hu il-każ odjern.

Il-Qorti tibda billi tiskarta dawn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari u dan skond is-segwenti insenjament. L-Artikolu 156 (1) tal-Kap 12 jipprovdi testwalment illi:

*"156.(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;"*

Il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna saret dejjem ittendi lejn il-prattiċità, bl-għan jibqa' dejjem li att jiġi salvat jekk il-jedd tad-difiża ikun salvagwardat bl-att preżentat. Kif irriteniet il-Qorti fis-sentenza **Antonia Zahra vs Raymond Borg** deċiża fid-29 ta' Settembru 2015: "*Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza stabbilita' li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. Illi skont is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Michael Attard nomine vs Raymond Galea" deciza fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi "bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita'*

*procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza*" ("Aquilina vs Cassar" – Vol. LXXVI.iv.666).

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti ssib li kemm l-oġġett tal-kawża attriċi huwa mfisser b'mod ċar u sew, kif ukoll ir-raġunijiet tat-talba huma ċari. Infatti huwa ben deduċibbli mill-premessi u t-talbiet fir-rikors promotur li l-għan tal-attur kien li jitlob illi jkun rikonoxxut bħala missier il-minuri E F, iben il-konvenuta G D.

Għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Dwar it-tieni eċċezzjoni l-Qorti tara wkoll illi huwa ċar mir-rikors ġuramentat li din l-azzjoni hija msejjsa fuq l-Artikolu l-korrett u *ċioé* l-Artikolu 86 u l-attur barra li jikkwota dan l-Artikolu isejjes it-talba tiegħu proċeduralment fuq dan l-Artikolu u għalhekk naraw kif fil-fatt l-attur kien bagħat l-ittra uffiċjali[10] kif jitlob dan l-Artikolu lill-omm it-tifel qabel ma fetaħ dawn il-proċeduri.

Il-Qorti ma tarax għalhekk illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tagħraf illi f'każijiet bħal dawn il-prova reġina huwa l-eżami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta: "...*f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..*."[11]

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima. Illi l-konvenuta welldet tifel, fit-3 ta' April 2021, u dana kif jidher mill-att tat-twelid a fol. 5 tal-atti. Illi l-minuri għandu llum erba' (4) snin. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet u kif jirriżulta mill-att tat-twelid

[10] Ittra uffiċjali numru 58/2022 (li tagħha jippreżenta kopja a fol. 7) fejn *ai termini* tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 interpella l-konvenuta.

[11] AB vs C D et deċiża fil-25 April 2018 mill- Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16).

esebit, il-minuri ġie reġistrat mill-konvenuta bħala wild missier mhux magħruf.

Illi l-Qorti rat ukoll illi l-attur kien intavola l-ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 nhar it-23 ta’ Jannar 2024, liema ittra ġiet notifikata lill-konvenuta fil-31 ta’ Jannar 2024. Illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati mill-attur nhar it-23 ta’ April 2024. Din il-Qorti rat illi wara li fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2024[12] il-Qorti ħatret lil Dr Marisa Cassar bħala espert biex tagħmel it-testijiet kollha meħtieġa tad-DNA u l-affidavit u r-rapport ta’ Dr Marisa Cassar,[13] mit-testijiet ġenetiċi li saru fuq il-partijiet, jidher biċ-ċar illi l-minuri E F D huwa effettivament il-wild bjoloġiku tal-attur.

Il-partijiet preżentaw ukoll Nota[14] b’referenza għas-sitt eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn jgħaddu s-segwenti informazzjoni:

*i. In-numru tal-karta tal-identita' tal-attur –*
*ii. Ismu u kunjomu – A B;*
*iii. L-eta' tal-esponenti meta kellu l-minuri E F - 20 sena;*
*iv. Il-post tat-twelid tal-attur - Pieta';*
*v. Il-post ta' residenza tal-attur dakinhar tat-twelid tal-minuri il-Marsa;*
*vi. L-isem u l-kunjom tal-ġenituri tal-attur – H B u I J K, liema genituri kienu ħajjin dakinhar tat-twelid u għadhom ħajjiin anke llum il-ġurnata.*

Illi għalhekk is-sitt eċċezzjoni tal-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

Illi ghalhekk wara li din il-Qorti kkonsidrat ir-riżultanzi mit-testijiet ġenetiċi, u l-atti tal-każ, tikkonkludi li l-paternità tal-minuri ġiet konfermata, u huwa stabbilit xjentifikament illi l-attur effettivament huwa il-missier naturali tal-minuri E F.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, din il-Qorti rat illi l-partijiet ma rreġistraw l-ebda qbil għar-rigward. Il-minuri llum kif diġà ngħad għandu l-età ta’

[12] Verbal a fol. 23.
[13] Fol. 25.
[14] Fol. 37.

erba' (4) snin. Illi fiċ-ċirkostanzi fejn il-minuri għadu ta' età żgħira u ġialadarba ma ġie registrat l-ebda qbil, din il-Qorti tqis li l-minuri għandu jieħu l-kunjom ta' missieru flimkien ma' dak li diġà għandu u *ċioé* l-kunjom ta' ommu, biex b'hekk il-minuri għandu jkun magħruf bħala "B D."

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku *stante* dak li ser jiġi deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-minuri E F D li twieled nhar it-3 ta' April 2021, u liema twelid ġie reġistrat bl-att tat-twelid bin-numru 1609/2021 huwa l-iben naturali tal-attur A B;

3. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri E F D liema att għandu n-numru 1609/2021 sabiex jirrifletti din il-verità dwar il-paternità tal-minuri fosthom: billi fil-kolonna fejn hemm indikat id-dettalji tal-missier, jiġu kanċellati l-kliem '*unknown parent*' u minflok jiġu nseriti isem u kunjom l-attur u ċioé A B detentur tal-karta tal-identità imwieled il-Pietà; fil-kolonna "Eta'" b'referenza għall-missier tal-minuri iniżżel in-numru "20"; fil-kolonna "Lok ta' residenza" in kwantu jirrigwarda l-intestata "Il-ġenitur (1)" iniżżel il-post "Marsa"; iniżżel il-kliem "H B" (*Alive*)" u "I B *at birth* K" (*Alive*) fil-kolonna "Isem u Kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit-twelid u jekk humiex ħajjin jew mejtin";

4. Tordna illi kunjom il-minuri għandu jkun "B D";

5. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex wara li jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri E F D, joħroġ att tat-twelid li jirrifletti l-verità dwar il-paternità tal-minuri u dana wara li jitħallsu d-debiti drittijiet *ai termini* tal-Ewwel Skeda tal-Kodiċi Ċivili.

Tordna illi A B u C D għandhom ibatu l-ispejjeż individwali tagħhom, filwaqt illi l-ispejjeż tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, tal-Kuraturi Deputati u tal-espert forensiku għandhom jitħallsu fi kwoti ugwali minn A B u C D.